MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 333/2012

**Joseph Ebejer (K.I. 384873M)**
**Vs**
**Raymond Azzopardi (K.I. 327177M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz prezentat fis-27 t'April, 2012 fejn l-attur ippremetta illi ppresta xoghol ta' kostruzzjoni, zebgha u manutenzjoni fir-razzett ta' Raymond Azzopardi (K.I. 327177M) bl-isem /maghruf bhala 'Tal-Mina', liema razzett tidhol ghalih minn Triq Had-Dingli, Had-Dingli, Malta; l-attur gie mqabbad (ikkummissjonat) minn Raymond Azzopardi (il-konvenut) sabiex jahdimlu tali xoghol fl-imsemmi razzett; ghalkemm l-attur kiteb lil konvenut permezz ta' ittri legali u anke ittra ufficjali, l-konvenut irrifjuta bil-qawwa li jhallas dak li huwa dovut lill-attur ghaliex skont il-konvenut, l-attur ma tqabbadx direttament minnu u l-perjodu indikat mill-attur fl-ittra ufficjali mibghuta taht l-artiklu 166A tal-Kapitlu 12, il-perjodu ndikat mill-attur li fih sar ix-xoghol, huwa skorrett. L-attur kien ta' lill-konvenut spjegazzjoni tal-kont imma l-konvenut xorta

irrifjuta li jhallas lill-attur;  il-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni.  Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-rispsota tal-konvenut pprezentata fl-20 ta' Gunju, 2012 fejn eccepixxa li t-talba tal-attur hi preskritta ai termini tal-artiklu 2148(a) u l-artiklu 2149(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; illi u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut jirrileva li huwa diga hallas lill-attur l-ammont li l-attur kien talbu fis-sena partikolari li fiha kien sar ix-xoghol u mhux kif indikat mill-attur; salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Sema' x-xhieda u ra l-atti kollha tal-kawza.
Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.
Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar it- 25 ta Gunju 2013 li bih il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra,**
It-talba odjerna hija dwar hlas ta' servizzi ta kostruzzjoni, zebgha u manutenzjoni fir-razzett ta' Raymond Azzopardi (ara kont Dok JE01, a folio 24). Il-konvenut pero' ssolleva l-eccezzjoni tal- preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(a) u 2149(b).

Illi mix-xhieda jirrizulta li l-konveut qabbad lil George Vassallo biex jaghmillu hajt tal-*bricks* u *welding* gewwa il-*milking parlour* tieghu.  Pero' ghalkemm kien jaf li Joseph Ebejer kien jigi ma' Vassallo cahad li qatt qabbad lil Ebejer u nkarigah jaghmel ix-xoghol.  Kien hallas lil George Vassallo xi elfejn u mitt ewro (€2,100) u li qatt ma ppezentalu rcevuta.  Ipprezenta certifikat "*That your fullwood milking installation has met with the criteria of Full Care Approved Maintenace Plan"* datat 2 ta' Gunju 2009, a folio 14 tal-process, li permezz tieghu ntqal li l-*milking parlour* kien lest mix-xoghol.

Xehed Vincent Parnis li kkonferma illi b'dan ic-certifkat il-*milking parlour* gewwa ta' Xmun Farm f'Had-dingli  huwa *fully functional* ossia  tajjeb ghal-uzu.

Xehed l-attur li qal li l-konvenut kien qabbdu biex jaghmel ix-xoghol flimkien ma' George Vassallo ghall-*milking*

*parlour* u dan kien quddiem missier Ray Azzopardi. Kien xoghol biex jinbnew hitan ghall-*milking parlour* u qala' u twittija tal-madum u *tiling* ghall-istess *milking parlour*.

Dan ix-xoghol beda fl-2009 u tlesta fl-2010. Iddikjara illi kienu jaghmlu Sibtijiet u Hdud u kienu jahdmu wara x-xoghol principali taghhom. Iddikkjara li George Vasssallo u l-konvenut kienu ggieldu u probabilment ghalhekk irrfijuta li jhallsu. Kien prezentalu kont tax-xoghol tieghu, ara dokument a folio 14.

George Vassallo kkonferma li hu flimkien mal-attur kienu gew mqabdin jaghmlu x-xoghol. Ikkonferma li spiccaw jahdmu fl-2010 u kienu telqu ghaliex iggieldu fuq il-finanzi. Ikkonferma li meta talab il-hlas kienu hallsuh illi pero' kien talabhom li Azzopardi jithallas ghar-rasu u kien inqala' l-glied. Kienu qabbduh biex jaghmel il-hadid, imbaghad kienu talbuh biex iqieghed il-*bricks*. Ikkonferma li meta pprezentalhom il-kont kienu gergru u li kien semmilhom li lil Azzopardi kellhom ihallsuh huma ghax huma kien qabbuh. Ghalkemm semma s-sena 2010 fejn qal li ma ftakkarx id-dati sew pero' kien bejn is-snin 2009 u 2010.

Raymond Azzopardi ddikjara li x-xoghol sar bejn Jannar u Frar 2009 u tlesta fi 2009. Lil Ebejer lanqas biss kien jafu u meta 'nqala' id-dizgwid dwar il-finanzi dawn telqu nofs xoghol. Kellu jkompli xi hadd iehor. Iddikjara wkoll illi l-kont qatt ma rah.

**Ikkunsidra:**
Illi giet ipprezentata ittra ufficjali datata fl-4 April 2011.

Illi hemm verzjonijiet konfligenti dwar meta sar ix-xoghol fejn fuq naha l-attur jghid li x-xoghol sar bejn 2009 u 2010 u George Vassallo li hadem mal-attur iddikjara l-ewwel li x-xoghol sar fl-2010 u wara li x-xoghol sar bejn l-2009 u l-2010, fix-xitwa. Min-naha l-ohra il-konvenut jghid li sar fi Frar 2009, pozizzjoni li zamm min meta ntbaghtet l-ewwel ittra ufficjali. Illi bhala prova li x-xoghol sar u tlesta fl-2009 gie ipprezentat dokument datat 2 ta' Gunju 2009 li ma

setghax jinghata li kieku x-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni u tqieghed tal-madum kienu ghadhom ghaddejjien. Illi min-naha l-ohra l-atturipprezenta dokument tal- MEPA li juri li kien sar estenzjoni minghajr permess. Illi jidher illi sar rapport dwar dan f’Marzu 2010 u anke Frar 2011 u li l-permess inghata fis-16 t’April 2011. Pero’ dan ma jghinx lit-Tribunal sabiex jasal ghall-twegiba dwar meta sar ix-xoghol u jekk sarx fuq il-*milking parlour* ghaliex ir-referenza hija ghall-estenzjoni tar-razzett. Ghalhekk in vista ta’ dan kollu it-Tribunal ihoss li ghandu jqis lid-dokument li ccertika il-*milking parlour* bhala tajjeb ghall-uzu bhala l-ahjar prova.

Illi fir-rigwrad tal-artikolu 2148(a), fid-decizjoni riportata fil-Kollezz. Vol. XXXVIII P III p 710**,** jinghad hekk –

*Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-okazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.*

Illi hawnhekk it-Tribunal ihoss li x-xoghol li ghamel l-attur jinkwadra ruhhu f’dan l-artikolu u ghalhekk anke jikkalkola z-mien mid-data ta’ Gunju 2009 u tapplika il-perjodu ta’ tmintax-il-xahar. L-ittra ufficjali saret wara dan iz-zmien.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u ghalekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizju.

Bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------